**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1191/2015 AF**

**Mosim Limited (C-33441)**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mosim Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'kuntratt tat-23 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**, l-esponenti akkwista porzjoni diviza ta' art formanti parti mill-art maghrufa bhala Ta Gniedi sive Ta' Ghar Rajnu tal-kejl ta' circa 2850 metri kwadri li tinsab fil-kuntrada ta' San Tumas f'Wied il-Ghajn minn Triq ir-Ridott, konfinanti mit-Tramuntana mat-triq imsemmija, minn Nofsinhar u Majjistral ma' proprjetà ta' Tor

Limited, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha kif tidher fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt fuq imsemmi.

Fil-bidu tas-snin tmenin, porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' circa 748.25 metri kwadri kif indikata fil-pjanta u site plan hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti B u C rispettivament, parti mill-istess art indikata fil-kuntratt fuq imsemmi, ġiet meħtieġa għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku.

Minkejja illi din l-art ilha hekk tiġi wżata kif fuq ingħad għal żmien twil ħafna, dan kollu sar, mingħajr ma nharget id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika ta' Malta, u minkejja dan, l-intimati qabdu u daħlu fl-art, qed jagħmlu użu minnha, kejlu u ħadu l-livelli ta' dik l-art, ħaffru u taqbu taħt l-art u għamlu kull ħaġa oħra meħtieġa biex tiġi wżata għal skopijiet pubbliċi ta' l-intimati, tant illi llum jinsabu mibnija toroq.

Il-pussess ta' l-art in kwistjoni, ġie meħud u wżat mill-intimati mingħajr ma' saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern, meħtieġa skond il-Liġi ai termini tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lanqas ma nħareġ l-Avviż għal Ftehim kif jitlob l-istess Kap. 88 biex l-imgħax jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-Avviż mid-data tat-tehid tal-pussess ta' l-art mill-Awtorità kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xirja assolut lil Gvern ta' Malta u dan a tenur tal-Artiklu 18A tal-Kap. 88, kif ukoll a tenur ta' l-Artiklu 22 (2) u (3) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ma hemm l-ebda raġuni għalfejn id-dikjarazzjoni Presidenzjali, l-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Avviż għal Ftehim ma jinħariġx rigwardanti l-art in kwistjoni ġja la darba l-art ittieħdet effettivament mill-intimati.

Ir-raġuni għaliex l-intimati ma jridux li tinħareġ id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika u l-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Avviż għal Ftehim hu minħabba l-fatt illi a tenur ta' l-Artiklu 22, sub-inċiż 3, fiż-żmien ħmistax-il ġurnata minn tali Avviż għal Ftehim, il-Gvern għandu jiddepożita f'kont bankarju li jirrendi imgħax, ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-dikjarazzjoni tal-President u dik is-somma tkun tista'

tinġibed liberament flimkien ma' kull imgħax li jinġema' fuqha mill-attur rikorrent, li għandu jedd għal dak il-kumpens malli dan iġib il-prova li għandu jedd għaliha b'mod sodisfaċenti għal Awtorità kompetenti.

Gja la darba din l-art in kwistjoni għadha ma ġietx legalment esproprjata mill-Gvern ta' Malta, għandhom jittieħdu l-proċeduri kollha stabbiliti mill-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta biex l-intimati jkunu jistgħu joħorġu l-Avviż għal Ftehim skond il-Liġi biex ir-rikorrenti jekk jidhirlu jkun jista' jitħallas ta' dak illi huwa dovut lilu.

B'ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2015 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument D** ir-rikorrenti talab ufficjalment lill-intimat biex jibda l-proceduri a tenur tal-ligi però baqa' inadempjenti.

Zmien ta' aktar minn ħamsa u għoxrin sena biex l-intimati joħorġu d-dikjarazzjoni presidenzjali, kif ukoll l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u biex jaslu għal Avviż ghal Ftehim, huwa zmien irraġonevoli li jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ħwejġu u tal-kumpens lilu dovut fi zmien xieraq sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens skond l-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja u ċioè l-Artiklu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u r-rikorrent jirriserva illi jipprocedi kontra l-intimat ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Minkejja dan l-intimati baqgħu inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum, la ħarġet id-dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprju ta' l-art fuq imsemmija, la ma ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern u lanqas ma nħareġ l-Avviż għal Ftehim a bażi tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi porzjon diviza ta' art tal-kejl 748.25 metri kwadri, parti min art akbar maghrufa bhala Ta Gniedi sive Ta' Ghar Rajnu tal-kejl ta' circa 2850 metri kwadri li tinsab fil-kuntrada ta' San Tumas f'Wied il-Ghajn minn Triq ir-Ridott, konfinanti mit-Tramuntana mat-triq

imsemmija, minn Nofsinhar u Majjistral ma' proprjetà ta' Tor Limited, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha kif tidher fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt, Dokument A, fuq imsemmi, liema porzjon diviza hija indikata fid-**Dokumenti B u C** ġiet meħtieġa u wżata għal skopijiet pubbliċi u ilha hekk użata sa mill-bidu tas-snin tmenin.

2. Tordna li l-intimati biex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu u jesegwixxu l-proċeduri kollha neċessarji skond il-Liġi biex tinħareġ id-dikjarazzjoni presidenzjali, isir l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u jersqu għal Avviz għal Ftehim skond l-istess Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u dan a tenur tal-Liġi.

3. Fin-nuqqas li l-intimati jaghmlu dak lilhom ordnat minn din il-Qorti biex jesegwixxu l-proceduri kollha necessarji skond il-ligi biex tinhareg id-dikjarazzjoni Presidenzjali, isir l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u jersqu ghall-avviz ghal ftehim skond l-istess Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-intimat responsabbli biex iħallsu l-kumpens dovut lir-rikorrent għat-tehid u użu ta' l-art għal skopijiet pubbliċi maghrufa bhala Ta Gniedi sive Ta' Ghar Rajnu tal-kejl ta' 748.25 metri kwadri li tinsab fil-kuntrada ta' San Tumas, f'Wied il-Ghajn, konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Triq il-Katakombi, mill-Grigal u minn Nofsinhar ma' Triq Ir-Ridott, u mill-Lvant ma proprjetà ta Carlo Cini u ohrajn, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha kif tidher fil-pjanta u site plan annessi u mmarkati bhala **Dokumenti B u C**.

4. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti skond il-Liġi għat-tehid u wżu ta' l-art kif fuq deskritt jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu dak il-kumpens dovut lir-rikorrenti skond il-Liġi u hekk likwidat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-30 ta' Jannar 2015 u l-intimati għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet, li in forza taghha eccepixxa illi:

In linea preliminari s-socjetà rikorrenti trid tipprova t-titolu taghha fuq l-art in kwistjoni.

Fit-tieni lok mhuwiex minnu li l-art mertu tal-kawza kienet mehtiega ghal skop pubbliku jew li l-esponent Kummissarju jew rapprezentant tieghu qatt dahlu fuq l-art in kwistjoni sabiex din l-art tigi utilizzata fl-interess pubbliku. Dan in vista tal-fatt illi l-Gvern ma jesproprjax artijiet li fuqhom inbnew toroq hekk imsejha 'privati' li gew zviluppati skond l-obbligi mposti fuq min jibni, bil-provedimenti ta' regolament 12 tar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xogholijiet f'Toroq – Avviz legali 29 tal-2010, liema regolament jipprovi li "*Ebda bini li jmiss ma' triq gdida f'post abitat ma jista' jinbena qabel ma t-triq tigi invellata sewwa mal-linja kif moghtija mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Awtorità. It-tul tat-triq li ghandha tigi hekk invellata ghandu jibda minn triq li digà hemm u li tkun digà miftuha ghall-pubbliku u ghandu jibqa' sejjer sal-ahhar tarf tal-faccata tal-bini li jkun se jsir*".

Isegwi ghalhekk illi in kwantu ghat-tielet u raba' talba tas-socjetà rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat taghha, il-Kummissarju tal-Artijiet mhux il-persuna li huwa responsabbli skond il-ligi ghal xi hlasijiet ta' kumpens peress illi huwa qatt ma okkupa din l-art jew awtorizza lil xi hadd biex jokkupaha u jaghmel xi xogholijiet fuqha.

Ghaldaqstant u kif ser jigi spjegat fil-mori tal-kawza, huma assolutament infondati u bla bazi l-allegazzjonijiet tas-socjetà rikorrenti li ma hemm ebda raguni ghalfejn ma gietx esproprjata l-art in kwistjoni jew illi din l-esproprjazzjoni ma sehhitx minhabba nuqqas ta' fondi da parti tal-Gvern sabiex jithallas il-kumpens relattiv.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-rizarciment tad-danni hija

preskritta mhux biss kond l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda wkoll skond l-artikolu 2143 tal-istess Kap. 16.

F'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern ma jistax iniedi l-procedura formali ghall-esproprju ta' toroq sakemm ma jigix affaccjat b'talba f'dan is-sens mill-Awtorità responsabbli ghat-toroq. In kwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-art li saret referenza ghaliha fir-rikors promotur, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma f'dan l-istadju insostenibbli kontra l-esponent.

Il-Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex l-awtorità kompetenti sabiex jiehu decizjonijiet dwar fejn ghandhom isiru progetti pubblici jew minn fejn ghandhom jghaddu toroq godda fil-pajjiz. Fil-fatt meta jkun hemm il-htiega li jsiru progetti jew xogholijiet ta' din ix-xorta, hi l-awtorità li tkun trid twettaq dawn ix-xogholijiet li taghmel talba lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex iniedi l-procedura tal-esproprju u dan wara li l-flus li ser jithallsu bhala kumpens ghal dik l-art jigu depozitati f'kont bankarju mill-awtorità li ser taghmel ix-xogholijiet.

Finalment, il-Kummissarju esponent jirrileva li l-allegazzjonijiet tas-socjetà rikorrenti li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu li kif digà gie spjegat, ma sehh ebda tehid tal-art in kwistjoni da parti tal-Gvern u fi kwalunkwe kaz, dawn l-allegazzjonijiet ghandhom jingiebu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.

Ghaldaqstant, it-talbiet maghmula mis-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetà rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-Kummissarju intimat jistitwixxi l-proċeduri appożiti sabiex tigi esproprjata formalment porzjon art f'Wied il-Ghajn li l-atturi jikkontendu ttieħdu mill-Gvern għal skop pubbliku, u ċioè formazzjoni tat-toroq, mingħajr ma l-atturi ġew ikkumpensati għal dan it-teħid. Il-Kummissarju intimat jeccepixxi *inter alia* illi huwa ma dahalx fuq art privata. Jecepixxi wkoll il-preskrizzjoni skond l-Art. 2143 u l-Art. 2153 tal-Kap. 16.

Mhux kontestat illi dawn it-toroq ġew imwittija u asfaltati mill-awtoritajiet. Mhux kontestat lanqas illi l-awtoritajiet ma ħadu l-ebda passi sabiex jakkwistaw din l-art formalment. Dan għaliex it-toroq in kwistjoni, huma toroq skemati residenzjali.

Dan ifisser illi dawn it-toroq effettivament infetħu bl-iżvilupp tal-bini fil-madwar, fejn l-involviment tal-awtoritajiet ikun limitat għat-twittija u asfaltar tat-triq, f'każ illi dan ma jsirx mill-privat.

It-toroq in kwistjoni saru fi żmien meta kien japplika l-artikolu 20 tal-Kodiċi tal-Pulizija (Kapitolu 10). Illum il-ġurnata il-materja hija regolata permezz tal-Avviż Legali numru 29 tal-2010 (Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq). Ir-Regolamenti rilevanti huma fis-sustanza l-istess disposizzjonijiet li kienu jinsabu fl-imsemmi artikolu 20 tal-Kap. 10.

L-artikolu 20(5) tal-Kodiċi tal-Pulizija kien jaqra hekk:

> *"Ebda bini li jmiss ma' triq ġdida ma jista' jinbena qabel ma t-triq tiġi nvellata sewwa mal-linja kif mogħtija mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi. It-tul tat-triq li għandha*

*tiġi hekk invellata, għandu jibda minn triq li ġa hemm u li hija ġa miftuħa għall-pubbliku, u għandu jibqa' sejjer sa l-aħħar tarf tal-faċċata tal-bini li għandu jsir."*

Disposizzjoni kważi identika hija r-Regolament numru 12 tal-Avviż Legali 29 tal-2010, bid-differenza li llum il-linja tat-triq tiġi stabbilita mill-Awtorità tal-Ippjanar b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport.

L-artikolu 20 tal-Kap. 10 kien jipprovdi wkoll li:

i. Id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jista' f'kull żmien, jagħmel f'kull jew taħt kull triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern, kull xorta ta' xogħol illi huwa jidhirlu meħtieġ jew utli fl-interess pubbliku;[1]

ii. Kull triq ġdida li ma tkunx proprjetà tal-Gvern għandha tiġi mwittija u miksija kif imiss u magħmula b'mod li tkun tajba għas-sewqan tal-ilma, mill-persuna li tkun fetħet it-triq, skont l-ordnijiet tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u b'mod li jkun jogħġob lilu;[2]

iii. Kull triq għandha tinżamm, mill-persuna li tkun fetħitha, fi stat tajjeb ta' tiswija;[3]

iv. Is-sidien ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjetà b'enfitwesi, jitqiesu li huma l-persuni li fetħu dik it-triq u li huma s-sidien tagħha.[4]

Dawn il-provvedimenti kollha ġew riprodotti fl-Avviż Legali 29 tal-2010.

Skont l-artikolu 20(10) imbagħad, id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi seta' jagħmel dawk ix-xogħlijiet li kellhom isiru mill-persuna li tkun fetħet it-triq, imma li tkun naqset mill-obbligi

---

[1] Artikolu 20(7)

[2] Artikolu 20(8)

[3] Artikolu 20(9)

[4] ibid

tagħha. It-toroq li ma jkunux tal-Gvern kellhom, malli jitlesta l-kisi tagħhom bl-asfalt jew xort'oħra, jiġu trasferiti lill-Gvern, b'dan illi min dak il-ħin is-sidien ikunu meħlusin minn kull dmir ieħor li jieħdu ħsieb dawk it-toroq. Dan is-sub artikolu ma jsemmix li huwa dovut xi kumpens għal dan it-trasferiment.

Fl-Avviż Legali 29 ta' 2010 insibu provvediment kemmxejn differenti in kwantu li l-liġi llum tgħid[5] li t-toroq privati għandhom, meta dawk it-toroq ikunu inklużi fi skema jew fi pjan lokali, meta jiġu asfaltati jew jitlesta l-kisi xort'oħra tagħhom u malli tiġi pubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna dan, isiru proprjetà tal-Gvern u minn dak il-waqt is-sidien ikunu meħlusin minn kull dmir ieħor li jieħdu ħsieb dawk it-toroq.

Fil-każ tal-lum mhuwiex kontestat illi t-toroq *de quo* ma sarux tal-Gvern, la skont il-provvedimenti tal-Kap. 10 u lanqas skont dawk tal-Avviż Legali 29 tal-2010. Madanakollu, huwa ċar skont il-liġi, kemm dik li kienet applikabbli fi żmien illi saru dawn it-toroq u kemm dik applikabbli llum, li l-Gvern m'għandu l-ebda obbligu jesproprja t-toroq li ġew iffurmati mill-privat u wisq inqas iħallas kumpens għalihom.

Proprju kif spjegat din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Angelo Borg vs Direttur tax-Xogħlijiet tat-28 ta' Mejju 2012, ċitata fis-sentenza tal-istess Qorti fil-każ riċenti B & B Property Development Company Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et, tal-10 ta' Jannar 2018:

> *"Dan għaliex, in vista tal-izvilupp privat li sar, daħlu fis-seħħ bejn il-proprjetarji varji, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu llum gie revokat u rimpjazzat b'ieħor simili, u cjoe' l-Artikolu 16 sa 18 tal-Avviz Legali 29 tal-2010 li jobbliga lill-persuna li tibni fi triq privata biex tillivella t-triq u tagħmel il-bzonnijiet relattivi. Għalhekk is-sidien li bnew proprjetajiet tagħhom f'dawk l-ambjenti naturalment għamlu dak impost minnhom bil-ligi.*

[5] Regolament 19(6)

*...*

*Kwindi ħadd mill-konvenuti ma okkupa art tal-atturi. Għalhekk it-talbiet tagħhom huma manifestament infondati. Jidher ukoll mill-atti li l-atturi għandhom proċeduri pendenti kontra Noel Xuereb li huwa msemmi fir-rikors promotur. Naturalment kull pretensjoni fir-rigward ta' din il-persuna da parti tal-atturi hija assolutament impreġudikata b'din il-kawża. Kif del resto huwa mpreġudikat kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollhom fil-konfront tal-proprjetarji l-oħra skond il-liġi."*

Fil-każ fl-ismijiet St George's Bay Hotel Limited vs Kummissarju tal-Artijiet, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Frar 2011 intqal:

*"Mhux kontestat il-fatt illi l-artijiet mertu ta' din il-kawża huma propjeta' privata tas-soċjetà attriċi. Fil-fatt, dawn it-toroq huma parzjalment mibnija fuq proprjetà privata tas-soċjetà attriċi mis-soċjetà attriċi stess, u kienu saru sabiex is-soċjetà attriċi ikollha access għall-iżvilupp tagħha kif ukoll sabiex tottempera ruħha mal-"planning schemes." Il-każistika tgħallimna illi l-użu ta' triqat mill-pubbliku u xogħol li jkun jaghmel il-Gvern fl-istess triqat ma jammontax illi dawn it-toroq ikunu ttieħdu mill-Gvern. Il-fatt illi dawn it-toroq illum twessgħu u ġew miftuħa għall-pubbliku ma jirrendhiex l-istrixxex ta' art proprjetà tas-soċjetà attriċi mertu ta' din il-kawża f'artijiet pubbliċi.*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Sammut vs ICA Carmelo Micallef nomine" il-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Marzu 1958, irriteniert illi "lanqas ma jista' jingħad li hemm l-imsemmija preżunzjoni li t-triq hija pubblika sempliċiment għaliex l-istess ilha tiġi użata mill-pubbliku xi sittin sena u l-Gvern ġieli għamel xi xogħolijiet ta' tiswija, u anki għal dak ta' mogħdija ta' drenaġġ fiha, għaliex dawn ix-xogħolijiet għandhom jiġu kkonsidrati li saru għal skopijiet ta' utilita pubblika u mhux bħala att kostitwenti pussess." Fl-istess sentenza l-Qorti iżżid illi fi kwalunkwe kaz toroq viċinali, bħal dik in kwistjoni, huma dejjem soġġetti għas-servitu'*

*pubblika ta' transitu u ta' użu. Inoltre l-Qorti ta' Appell, fl-10 ta' Jannar 1955, fil-kawza fl-ismijiet "Nutar Dr Rosario Frendo Randon vs Onor Dr Paolo Boffa et" irriteniet "imma ukoll, jekk il-Gvern għamel xi xogħolijiet bħal dak tal-mogħdija tad-drenaġġ, kif allegat mill-attur, l-istess xogħolijiet għandhom jiġu kunsidrati li saru għal skopijiet ta' utilità pubblika, u mhux bħala atti kostitwenti pussess."*

*Fil-kawża odjerna, il-biċċiet tal-artijiet li jifformaw parti mit-toroq meritu ta' din il-kawza huma privati peress li huma mibnija fuq art privata u mibnija mill-privat stess. Għaldaqstant, minkejja l-bankina u t-twessiegħ tat-triq li sar mill-Gvern fi Triq Santu Wistin u l-użu ta' Triq in-Nemes mill-pubbliku, dawn xorta baqgħu privati għaliex skond l-insenjament tal-Qrati tagħna, dan ma jirrendihomx pubbliċi. Fil-fatt hawnhekk huwa utli illi jingħad illi ukoll illi f'dawn it-Toroq, il-Gvern ma wettaq ebda żvilupp u l-uniku żvilupp li sar huwa wieħed privat. Kull ma ghamel il-Gvern li ta l-asfalt lit-toroq in kwestjoni.*

*Għaldaqstant peress li huwa l-obbligu tal-iżviluppatur illi jiftaħ nofs it-triq quddiem il-proprjeta tiegħu, l-istess zviluppatur m'għandux dritt li jigi kumpensat mill-Gvern. Inoltre, dan mhux kaz ta' art meħtieġa għal skop pubbliku li trid tiġi akkwistata mill-privat skond il-Kap 88 (Akkwist ta' Artijiet għal Skop Pubbliku). L-artijiet mertu tal-kawża qatt ma jistghu jitqiesu li saru propjetà tal-Gvern, iżda baqgħu tal-privat.*

*Konsegwentement mhux necessarju li fir-rigward tal-artijiet tas-socjeta attrici li fuqhom gew iffurmati Triq in-Nemes u Triq Santu Wistin tigi pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fis-sens li l-istess artijiet huma meħtieġa għal skop pubbliku u lanqas ma ghandu jinghata xi kumpens lis-socjeta' attrici. L-artijiet in kwestjoni kienu u baqgħu proprjetà tas-socjeta' attriċi u meta l-iżviluppatur (is-socjeta' attrici) ifforma t-triqat in kwstjoni huwa sempliċiment wettaq l-obbligu tiegħu skond il-"il-planning scheme" li jifforma nofs il-wisa' tat-triq li tiffronta l-proprjetà li tkun ser tigi zviluppata. Dan kellu jsir bilfors*

*għal żewġ raġunijiet, biex jkun hemm access ghall-proprjetà li giet zviluppata fuq art li taffronta proprjetà tas-socjeta' attrici, u biex fl-istess hin l-izviluppatur ta' din l-art jimxi skond il-permess tal-izvilupp. Il-konsegwenza ta' dan kollu kienet li l-artijiet in kwestjoni tas-socjeta' attrici gew iffurmati bhala toroq u gew miftuha ukoll għall-pubbliku in ġenerali. Il-fatt illi t-triq tintuża mill-pubbliku ma jfissirx illi dik it-triq ittieħdet mill-Gvern. In effett il-Gvern ma akkwistax u, skond il-ligi, m'ghandux bzonn jakkwista xi titolu fuq l-artijiet in kwestjoni appartenenti lis-socjeta' attrici."*

Hekk ukoll, fil-każ ta' Zoqdi Developments Limited vs Kummissarju tal-Artijiet, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Ottubru 2002 intqal:

*"Din hi triq privata u ghalhekk japplikaw ir-regolamenti tal-pulizija. Il-fatt li l-Gvern jasfalta t-triq ma jfissirx li dan jaghmlu ghax hu s-sid kif wiehed jista' jiddeduci mill artikoli 20(9)(ii); 10(ii) u (vi) tal Kodici tal-Pulizija."*

Fil-każ ta' Paul Borg et vs Kummissarju tal-Artijiet et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 2003 intqal hekk:

*"Illi l-atturi qed isostnu li mhuwiex minnu li t-triq hija triq privata, stante li din "infethet bil-mezzi pubblici fis-sens li giet asfaltata, ppjantata u mwittija mill-awtorijet kompetenti" [fol.128]. In propositu l-Qorti tosserva li din l-asserzjoni tal-attur mhix sostnuta mill-fatti provati. Di fatti mill-provi jirrizulta li x-xogholijiet maghmula mill-Gvern kienu limitati biss ghall-livellar u asfaltar tat-triq – xoghol li huwa inkluz fl-obbligu tal-manutenzjoni li l-propretarji tal-fondi limitrofi ghandhom skond s-sub incizi (9) u (10) tal-Art. 20 tal-imsemmi Kap.10. Dawn is-sub incizi jippresupponu li t-triq fejn ghandu jsir dan ix-xoghol tkun diga' giet iffurmata u tappartjeni lill-privat.*

*Illi l-atturi qed isostnu wkoll li meta nfethet din it-triq mill-awtoritajiet pubblici fuq l-art tal-atturi, il-Gvern la esproprjija l-art u lanqas ha l-permess tas-sidien biex*

*jaghmel dawn ix-xogholijiet. Ghalhekk skond huma, l-agir tal-konvenuti kien abbusiv ghax mhux kopert bil-ligi. In propositu l-Qorti tosserva li din l-asserzjoni mhix sostenibbli fil-ligi, ghax il-provi juru li l-agir tal-konvenut kien regolat bil-ligi u sar in applikazzjoni tal-istess ligi; u min jagixxi fl-applikazzjoni tal-ligi, u fil-parametri tal-istess, ma jistax jigi meqjus li agixxa b' mod abbusiv, wisq anqas b' mod illegali.*

*Illi argument iehor sollevat mill-atturi huwa li l-artikolu 20 tal-Kap.10 jipprovdi li mal-asfaltar ta' triq, dik it-triq issir ta' dominju pubbliku, u ghalhekk, mal-asfaltar, il-Gvern akkwista l-proprjeta' tat-triq mill-pussess tal-atturi; u ghal dan l-akkwist da parti tieghu il-Gvern ghandu jhallas kumpens lill-istess atturi. In propositu l-Qorti tosserva li din l-asserzjoni hija guridikament inkorretta stante li ".. malli triq tigi asfaltata ....ma jfissirx li t-triq issir "ipso facto" tal-Gvern, imma illi l-propretarju ghandu jaghmel mal-Gvern il-kuntratt mehtieg ghat-trasferiment tal-proprjeta' tieghu lill-Gvern" u dan biex il-propretarju tat-triq "minn dak il-hin is-sidien ikunu mehlusin minn kull dmir iehor li jiehdu hsieb dawk it-toroq" Art.20 (10)(vi)."*

Insibu wkoll id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Francesco Galea et vs Awtorità għat-Trasport f'Malta tal-15 ta' Lulju 2014:

*"Qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIII tal-2000 kien hemm htiega li jigi ppubblikat att ta' trasferiment sabiex triq issir proprjeta tal-Gvern. Sussegwentement bl-Att imsemmi toroq li jkunu inkluzi fi skema jew pjan lokali jsiru tal-Gvern malli jitlesta l-kisi bl-asfalt u tigi ppubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna li l- proprjeta ssir tal-Gvern. Posizzjoni li tapplika wkoll illum skond l-Avviz Legali 29 tas-sena 2010. Mill-pubblikazzjoni ta` tali avviz, is-sidien jinhelsu mid-dmir impost fuqhom bil-ligi li jiehdu hsieb it-toroq. Fil-kaz in ezami jidher li ma sar xejn. Ma jidhirx li sal-lum giet pubblikata l-Ordni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern. Ghalhekk din il-parti tat-toroq ghadha m`hijiex proprjeta tal-Gvern.*

*Hu evidenti li dan hu kaz fejn il-privat fetah it-toroq in kwistjoni. Wara nghataw l-asfalt fuq inkarigu tal-Awtorita`. Meqjus dak li nghad hawn jidher li l-atturi m`ghandhomx jedd ghall-kumpens u wisq inqas li jgieghlu lill-Awtorita konvenuta tnehhi x-xoghol li sar u li dawn it-toroq ma jibqghux miftuhin ghall-uzu tal-pubbliku. L-Awtorita` kellha dritt, skond il-ligi, li tiehu hsieb li t-toroq jigu asfaltati."*

Tal-istess portata kienu s-sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Perit Ian Zammit vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2013 u Leonard Attard vs L-Awtorità għat-Trasport f'Malta et, tal-31 ta' Mejju 2018.

Hawnhekk ghaldaqstant mhux il-kaz ta' proprjetà privata li qiegħda tintuża għal skop pubbliku, imma hi kwestjoni ta' twettieq ta' obbligu ta' żvilupp. Isegwi għalhekk li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jsir proċess ta' esproprjazzjoni sabiex l-awtoritajiet jagħmlu xogħlijiet f'dawn it-toroq, proprju għaliex skont il-liġi l-formazzjoni tat-triq kien jispetta lil sid art. Kwalsiasi dritt ta' azzjoni għall-kumpens li għandhom l-atturi għandha tiġi diretta lejn dawk illi fetħu t-toroq in kwistjoni, u mhux lejn l-intimat jew xi entità governattiva oħra. Dawn tal-aħħar kienu sempliċiment qegħdin iwettqu l-obbligi tagħhom skont il-liġi fejn il-privat naqas milli jagħmel ix-xogħol hu.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li m'hemmx htiega li tezamina l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG